# V.DA KONFRATERNITÀ

# TAL-B.V.M TAL-KARMELU

## A.D. 1801



9 ta' Mejju 2012

Ħuti Fratelli,

Nhar l-**Erbgħa, 23 ta' Mejju**, niċċelebraw l-**Aħħar Erbgħa tal-Madonna tal-Karmnu**. Importanti li tkunu l-knisja fis-**6.00 p.m.** ħalli lebsin il-**kunfratija** u l-**muzzetta** nassistu għall-quddiesa, li toħroġ fis-**6.30 p.m.**, **lebsin ta' fratelli**. Wara l-quddiesa nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni Marjana li ssir fuq l-artal tal-Madonna tal-Karmnu u nimxu lejn l-artal maġġur fejn jitkanta 'Te Deum' ta' ringrazzjament lil Alla u wara tingħata l-Barka Sagramentali. Il-funzjoni tintemm bil-bews tar-Relikwa.

Infakkarkom li min hu interessat li jerfa' fil-vara tal-Madonna tal-Karmnu waqt il-purċissjoni ta' nhar il-festa, li din is-sena se taħbat il-**Ħadd, 22 ta' Lulju**, importanti li jingħaqad fi **grupp ta' 4 fratelli** li jkunu jissodisfaw waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

a) **servizz FESTA 2011 u servizz ieħor matul is-sena**.

jew

b) **ĦAMES SERVIZZI matul is-sena**.

Importanti li timlew il-formola, li qed nibagħtulkom ma' din iċ-ċirkulari, bl-ismijiet ta' dawk interessati u titfgħuha f'**kaxxa apposta** li se jkun hemm għand l-**Arċipriet** jew tgħadduha lil xi ħadd mill-**Kumitat tal-Fratellanza**, sa mhux aktar tard minn nhar il-**Ħadd, 3 ta' Ġunju**. Importanti li l-fratelli li jitfgħu l-polza jkollhom is-servizzi meħtieġa għax jekk ikun hemm xi ħadd mhux konformi, il-grupp kollu jiġi skwalifikat.

Wara li jiġu ċċekkjati l-formoli mitfugħa, il-**polza tar-reffiegħa** u l-**forċini** tittella' nhar il-**Ħadd, 10 ta' Ġunju**, fl-**10.30 a.m.**, fl-**Oratorju**. Importanti li għat-tlugħ tal-polza jkun hemm, għallinqas, **membru minn kull grupp preżenti**.

Nhar il-**Ħadd, 10 ta' Ġunju** niċċelebraw is-solennità ta' **Corpus Christi**. Fis-**6.00 p.m.** tibda l-**quddiesa kantata** u wara l-fratelli jakkumpanjaw fil-**purċissjoni** bis-Sagrament.

.

**Joseph Buhagiar**
**Segretarju**

**FRATELLANZA TAL-B.V.M. TAL-KARMELU IMWAQQFA FL-1801 - PARROĊĊA ŻURRIEQ**

RETTUR - FRANCIS FARRUGIA TEL : 21641358 • MOB : 79479119

SEGRETARJU - JOSEPH BUHAGIAR TEL : 21647403 • MOB : 99488262